MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 922/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Michael Mallia)**

**vs**

**George Vella ta’ 28 sena bin Spiridione u Emanuela nee Farrugia, mwieled Pieta’ fl-4 ta’ Gunju, 1974, residenti fil-fond numru 2, Tarag Tarznari Antiki, Block 2, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 295674 (M)**

**Massimo Galea ta’ 22 sena bin Emanuel u Mary nee Mazzitelli mwieled Pita’ fis-26 ta’ Frar, 1980, residenti fil-fond Block G2, Triq l-Istiratur, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 134680 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija George Vella u Massimo Galea li gew akkuzati talli:

(a) fl-14 ta’ Awissu, 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-Kapitlu 9.
(b) Fil-15 ta’ Awissu, 2002 f’xi hin matul il-jum, fi Triq Censu Xerri, Sliema ikkommettew serq ta’ stereo ta’ l-ghamla Clarion li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda anqas minn Lm 1,000 u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti minn go vettura ta’ l-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni LCA-823, liema serq huwa kkwalfikat, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Naomi Grima Enriquez.
(c) Fis-17 ta’ Frar, 2002 f’xi hin matul il-jum, fi Triq il-Papa Piju (V)l-Belt Valletta kkommettew serq ta’ stereo ta’ l-ghamla Pioneer li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda anqas minn Lm 1,000 minn go vettura ta’ l-ghamla Vokswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni FBH-941, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Valhmor Montfort.
(d) Fit-23 ta’ Frar, 2002 f’xi hin matul il-jum, fi Triq il-Pap Piju (V) l-Belt Valletta kkommettew serq ta’ apparat tal-fotografija minn go vettura tal-ghamla Kia Pride bin-numru ta’ registrazzjoni GAK-217 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ David James.

**Lil Massimo Galea wahdu talli**:

(e) fis-7 ta’ Frar, 2002 flimkien ma’ persuna/i ohra mhux maghrufa, f’xi hin fix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, Msida, ikkommetta serq ta’ ammont ta’ ‘compact discs’ minn go vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni KBE-328, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Mark Spiteri.

(f) Illi kif ukoll talli fid-9 ta' Marzu, 2002 flimkien ma' persuni/i ohra mhux maghruf, f'xi hin, fi Triq il-Principessa Margerita Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' oggetti fosthom stereo ta' l-ghamla Pioneer, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm 100 izda inqas minn Lm 1,000 minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni DBD-686, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Carmel Taliana.

(g) Kif ukoll talli fit-8 ta' April, 2002 flimkien ma' persuna/I ohra mhux maghrufa matul il-jum, fl-Universita' ta' Malta Msida, kkommetta serq ta' oggetti fosthom stereo ta' l-ghamla Pioneer, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm 100 izda inqas minn Lm 1,000 minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ABG-369, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-dannu ta' Darren Cassar.

(h) Kif ukoll talli fil-21 ta' April, 2002 flimkien ma' persuna/i ohra mhux maghrufa bil-lejl fi Triq il-Gharghur, Birkirkara kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom stereo ta' l-ghamla JVC li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta' Lm 100 izda mhux anqas minn Lm 1000 minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni KIM-887 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Carmel Borg.

(i) Kif ukoll talli fis-6 ta' Mejju, 2002 jew fil-jiem ta' qabel din id-data, flimkien ma' persuna/I ohra mhux maghrufa bil-lejl fi Triq tal-Hriereb, Msida kkommetta seq ta' stereo ta' l-ghamla Clarion minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CB-651, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' David Farrugia.

(j) Kif ukoll talli fil-21 ta' Gunju, 2002 flimkien ma' persuna/i oha mhux maghrufa, matul il-jum, fi Triq Oscar Zammit, Msida kkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Clarion, li l-valur tieghu jeccedi s-somma t'a Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni SFG-100, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga

misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Vincent Seguna u/jew Ohaka Margaret.

(k) U aktar talli fl-24 ta’ April, 2002, flimkien ma’ persuna/i ohra mhux maghrufa fi Triq il-Qattus, Ta’ Paris Birkirkara kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, minn gol-fond Garage no. 4, Garage no. 15 u Garage no. 7 kollha sitwati f’Basement of Garages, fi Triq il-Qattus, Ta’ Paris, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ diversi persuni.

(l) Kif ukoll talli fit-3 ta’ Gunju, 2002 jew fil-granet ta’ qabel din id-data, bil-lejl fi Triq il-Wied il-Mosta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom power tools li l-valur totali taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn gol-fond ‘garage no. 3’ liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin u li sar ghad-dannu ta’ Anthony Saliba.

(m) Kif ukoll talli fit-22 ta’ Gunju, 2002 bil-lejl fi Triq il-Wied, Mosta, kkommetta serq ta’ stereo ta’ l-ghamla Kenwood, minn gol-fond garage w/o number, accessibli minn Triq il-Wied, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ Giovanna Falzon.

(n) Kif ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Lulju, 2002 bil-lejl fi Triq Durumblat, Mosta kkommetta serq ta’ electric driller, li l-valur teighu jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn gol-fond St Mary’s Garage, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin u li sar ghad-dannu ta’ Loreto Agius.

(o) Kif ukoll talli fit-3 ta’ Lulju, 2002 jew fil-jiem ta’ qabel din id-data, bil-lejl, fi Triq San Silvestru, Mosta kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom apparat tal-hi fi li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn fol-fond ‘garage no.50’, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin u li sar ghad-dannu ta’ Simon Felici.

(p) Kif ukoll talli fl-1 ta’ lulju, 2002 bil-lejl fi Triq Hal-Qormi, Hal-Luqa flimkien ma’ persuna/i ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom Lm 250 fi flus kontanti u mobile phone ta’ l-ghamla mhux maghrufa, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn gol-fond ‘Ave Maria’, Triq Hal-Qormi, Hal-Luqa liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-dannu ta' Cristino Mifsud u/jew Wigi Mifsud.

(q) Kif ukoll talli fil-11 ta' Awissu, 2002 fi Triq l-Imtiehen, il-Belt Valletta, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom Lm 700 f'deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 minn gol-fond No. 1A, Triq l-Imtiehen, Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok u li sar ghad-dannu ta' Maria Assunta Cordina.

(r) Kif ukoll talli fit-12 ta' April, 2002 f'xi hin matul il-gurnata, waqt li kien l-Imsida, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjon GHI-021, ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannuta' Katya Ghio, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.

(s) Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Gunju, 2002 bil-lejl waqt li kien il-Mosta, bil-hsieb li jaghmel delitt, ucioe serq minn gol-fond Garage no. 3 Triq il-Ballut, Mosta ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Calcedonio Vella, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

(t) Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju, 2002 bil-lejl waqt li kien il-Mosta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe serq minn gol-fond 'garage no. 31', Triq il-Kostituzzjoni, Mosta ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, ghad-dannu ta' Aaron Scicluna, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

**Lil Massimo Galea u lil George Vella t-tnejn flimkien talli:**

(u) fil-15 ta' Awissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dati, hinijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti

misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin, lok u xorta tal-haga misruqa.
(v) Kif ukoll talli fil-15 ta' Awissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data volontarjament gharrqu jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe diversi propjetajiet ghad-dannu ta' diversi persuni, liema ammont tal-hsara f'kull kaz, ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin.

**Finalment George Vella wahdu akkuzat talli:**

Sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li fil-kors ta' l-interrogatorju l-istess Massimo Galea wiegeb li hu kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Wiegeb ukoll li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-Avukat Generali baghat il-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Ikkonsidrat,

Illi fuq l-ammissjoni, il-Qorti ordnat li jigi redatt pre-sentencing report fuq l-istess Galea.

Ghaldaqstant rat anke l-konkluzjonijiet imnizzla fl-istess report.

Ikkonsidrat,

Illi mill-ezami ta' l-akkuzi mressqa jidher li fi zmien qasir ta' ftit xhur Galea kkommetta numru allarmanti ta' serqiet.

Donnu hemm implikazzjoni li dawn is-serqiet saru biex isostun l-vizzju li l-istess Galea ghandu.

Il-Probation Officer ghazlet li tissuggerixxi li Galea jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni. Frankament ma' dana kollu l-Qorti ma taqbilx ghal zewg ragunijiet, primarjament ma thossx din il-Qorti li dan l-ammont t'a serq huwa gustament punibbli b'ordni ta' supervizjoni, sekondarjament thoss din il-Qorti illi Galea jekk ghamel xi progres jista' jkompli bl-istess ikun fejn ikun qieghed jekk verament irid jaghmel dan il-progress.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 41, 334, 325, 20, 31 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issibu hati ta' l-istess.

Dwar il-piena,

Qieset l-ammissjoni tieghu li nkwantu li kienet wahda bikrija sservi ta' attenwant, qieset ukoll li l-genituri ta' Galea, mhux hu, hallsu anke parti mid-danni, qieset ukoll il-fedina penali tieghu u qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tliet snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------